# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 85

Data tal-laqgħa: 17 ta' Mejju, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**85/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**85/01/01** Ma kienx hemm.

**85/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 83 u 84**

**85/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**85/02/02** **Para 83/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**85/02/03** **Para 83/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadu ma bediex.

**85/02/04** **Para 83/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni mal-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* għandna tiġi approvata dalwaqt .

**85/02/05** **Para 83/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**85/02/06** **Para 83/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**85/02/07** **Para 83/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**85/02/08** **Para 83/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**85/02/09** **Para 83/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istrippi ta' mal-art ta' Triq San Ġwann ħa jsiru wara li x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jkunu lesti.

**85/02/10** **Para 83/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *notice boards* għadhom ma sarux.

**85/02/11** **Para 83/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret l-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**85/02/12** **Para 83/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi kollox għadu pendenti.

**85/02/13** **Para 83/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad irid jeħel *dog bin* fi Triq tal-Ferħa qrib il-wied.

**85/02/14** **Para 83/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**85/02/15** **Para 83/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad irid jeħel *dog bin* fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**85/02/16** **Para 83/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta minn Infrastructure Malta fuq minn se ikompli x-xogħol fi Triq il-Kbira.

**85/02/17** **Para 83/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lil Infrastructure Malta fuq il-globi ta' ħdejn iz-*zebra crossing* fi Triq Caravaggio.

**85/02/18** **Para 83/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu ħdejn il-hairdresser għadha ma ġietx approvata minn Enemalta plc.

**85/02/19** **Para 83/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex fl-uffiċċju ssir niċċa bil-gypsum u ħġieġa u fiha npoġġu l-abbozz tal-monument ta' San Bert.

**85/02/20** **Para 83/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *sleeping police* ta' Triq Għaxqet l-Għajn (mid-Duluri 'il ġewwa) ġiet approvata minn Transport Malta.

**85/02/21** **Para 83/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am *no access to Gharghur* fi Triq John Adye; Biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am hekk kif tohrog mill-barriera fi Triq John Adye u biex isiru *no-entry signs* mis-6:30am-9:00am Triq Birguma fil-bicca ta' fuq.

**85/02/22** **Para 83/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella 'Tal-Ferħa Estate' għal Triq Santa Katerina saret.

**85/02/23** **Para 83/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li aħna rridu napplikaw biex terġa' ssir il-*junction box* ta' ħdejn ir-*roundabout* tal-Golden Care.

**85/02/24** **Para 83/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-kaxxa tal-muturi fi Vjal ir-Repubblika weħlet imma r-residenti ta' Ella Court oġġezzjonaw.

**85/02/25** **Para 83/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nixtru *filing cabinet.*

**85/02/26** **Para 83/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna *bin* għal pjazza.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**85/02/27** **Para 83/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntattjat lil AIB Insurance Brokers Ltd peress li hemm bżonn jinbidel l-controller tal-lift.

**85/02/28** **Para 83/02/28:** Fuq it-talba ta' residenta għal *u-bar* fi Triq ix-Xwieki. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma ġietx approvata minn Transport Malta.

**85/02/29** **Para 83/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tiswija ta' *bollard* tal-monument saret.

**85/02/30** **Para 83/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella *cul-de-sac* fi Triq il-Ġdida.

**85/02/31** **Para 83/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella *no heavy vehicles* fi Triq San Nikola.

**85/02/32** **Para 83/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella *reflector* mal-ħajt fi Triq il-Ġnien.

**85/02/33** **Para 83/05/33:** Is-Sindku ser terġa' tiċċekkja mal-Kunsill Reġjonali Lvant rigward ir-rimbors tal-*insurance* u *risk assessment* tas-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew.

**85/02/34** **Para 83/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur ser ikun qed jibgħat diversi talbiet lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi matul id-disa' leġislatura.

**85/02/35** **Para 83/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat mal-Enemalta plc biex isir bozza ġdida fi Sqaq il-Qiegħed.

**85/02/36** **Para 83/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tqiegħed *dog bin* fil-pjazza tad-dejma.

**85/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**85/03/01** Is-Sindku resqet talba għal Communal Reserved Parking Bay fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**85/03/02** Is-Sindku resqet li jerga' jsir movie night għaż-żgħażagh. Il-Kunsill qabel unanimament.

**85/03/03** Is-Sindku resqet li jeħel fanal ġdid fi Triq il-Ġdida. Il-Kunsill qabel unanimament.

**85/03/04** Is-Sindku qalet li rċviet talba biex isir *traffic lights* fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**85/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**85/04/01** Ma kienx hemm.

**85/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**85/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' April 2024).

**85/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' April 2024).

**85/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 2 ta' Mejju 2024).

**85/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Mejju 2024).

**85/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Mejju 2024).

**85/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Rapport mill-Kunsill Lokali rigward il-Parkeġġ Riservat Personalizzat Ref: 11399 fit-Triq Caravaggio.

**85/05/07** Ġiet innutata kopja tal-*Memorandum of Understanding on mutual collaboration between the Public Works Department and the Hal Gharghur Local Council*.

**85/05/08** Ġiet innutata korrispondenza fejn tħabbret l-iskema "Ġodda fl-Urban" mill-Ministeru ghall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**85/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Brian Zahra - Access to Framework Agreement.

**85/05/10** Ġiet innutata ittra legali mill-Av. Jonathan Thompson – Re: Accident at 'Santa Katerina Road / Xwieki Road, Gharghur'. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**85/05/11** Ġiet innutata ittra legali mill-Av. Nicholas DeBono rigward il-Keep Clear, quddiem 41, Triq Mons. Luigi Catania, Għargħur. Il-Kunsill qal li dan il-permess ingħata minn Trasport Malta.

**85/05/12** Fuq it-talba ta' residenta biex l-*sleeping police* ta' Triq San Ġwann titneħħa jew tersaq. Il-Kunsill qabel unanimament li tersaq.

**85/05/13** Fuq it-talba ta' tabella No U-turn fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill qabel unanimament li nieħdu parir minn Transport Malta.

**85/06** **Aggustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern Annwali 2023**

**85/06/01** L-Audit Adjustments ġew approvati unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-Financial Statements.

**85/07** **Rapport Finanzjarja tal-Ewwel Kwart (Jannar – Marzu 2024)**

**85/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**85/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**85/08/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**85/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**85/09/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 2024 f'12:00p.m.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

*(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

*(firmati)*

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**